



EESC Info

European Economic and Social Committee

A bridge between Europe and organised civil society

December 2023 | MT



[The Grassroots View – S4 Episodju 3 – COP28: il-Belt ta' Dubai se tipprovdi t-twe?ibiet tant me?tie? a?](#)

Merħba għall-Grassroots View, il-podcast tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew. F'dan l-episodju, se nidħlu fil-fond fil-COP 28 li jmiss f'Dubai, f'liema belt id-dinja se tikkonverġi biex tindirizza l-kwistjoni urġenti tat-tibdil fil-klima. Se jingħaqdu magħna, u jaqsmu l-ideat siewja tagħhom: il-ġurnalista li tittratta l-klima **Anna Gumbau**, id-Delegata tal-KESE għaż-Żgħażagħ **Diandra Ní Bhuachalla**, il-fundatur u l-uffiċjal kap eżekuttiv tal-organizzazzjoni Sustainable Public Affairs **Willem Vriesendorp** u **Jule Könneke** mill-Istitut Ġermaniż għall-Affarijiet Internazzjonali u s-Sigurtà.

Se nibdew bil-perspettiva ta' Anna Gumbau dwar l-għażla kontroversjali ta' Dubai bħala l-post magħżul, u se nixtarru l-isfidi li jiffaċċjaw il-ġurnalisti biex ikopru avvenimenti kritiċi bħal dawn. Diandra Ní Bhuachalla tixħet dawl fuq l-urġenza tal-ilħna taż-żgħażagħ fid-dibattiti dwar il-klima, u taqsam it-tamiet tagħha għal trattat dwar in-nonproliferazzjoni tal-fjuwils fossili. Willem Vriesendorp jenfasizza l-ħtieġa li n-negozji jkunu minn ta' quddiem nett fis-sostenibbiltà, u Jule Könneke se teżamina d-dimensjonijiet tas-sigurtà tal-politika dwar il-klima u r-rwol tas-soċjetà ċivili. (tk)

Available Languages:

ES	BG	CS	DA	EN	DE	ET	FR	EL	GA	HR	IT	LV	LT	HU	MT
NL	PL	PT	FI	RO	SK	SL	SV								

EDITORJAL

Editorjal

Għeżież qarreja,

Hekk kif qed noqorbu lejn tmiem l-2023, nixtieq nieqaf ftit sabiex nirrifletti dwar l-istadji importanti li nkisbu mill-Kumitat tagħna matul din is-sena.

F'April, fil-bidu tal-mandat tiegħi, impenjajt ruħi biex **il-KESE jsir pjattaforma aktar inklużiva u miftuħa**, fejn l-Ewropej, speċjalment **iż-żgħażaġh**, jistgħu jesprimu t-tħassib u l-fehmiet tagħhom. Bi kburija ngħid li l-KESE għamel passi kbar u issa huwa l-ewwel istituzzjoni tal-UE li introduċa t-Test taż-Żgħażaġħ tal-UE. Dan ifisser li ż-żgħażaġh se jingħaqdu fil-proċess tagħna ta' tfassil tal-opinjoni sabiex jikkondividu l-fehmiet tagħhom dwar suġġetti ewlenin għall-ġejjen tagħhom – id-dinjiet virtwali, l-ekonomija u d-demokrazija. Il-Grupp taż-Żgħażaġħ tal-KESE se jimmonitorja mill-qrib dawn l-attivitajiet u se jmexxi inizjattivi taż-żgħażaġh fid-dar tagħna.

Nedejna sejħa għal **Patt Blu tal-UE** – strateġija komprensiva dwar l-ilma għall-Ewropa. Din hija kwistjoni li din id-dar qed tinsisti b'mod kollettiv biex issir prijorità politika għall-Kummissjoni Ewropea li jmiss. Nemmen li ħloqna momentum u jeħtieġ li nżommuh għaddej. B'żieda fin-nixfiet, l-għargħar u l-mewġiet ta' sħana, il-Patt Blu tal-UE wasal f'mument kruċjali. L-Ewropa teħtieġ b'mod urġenti approċċ awtonomu u trażversali dwar kif jiġi ġestit l-ilma, peress li m'hemmx ħin x'jintilef.

L-Ewropa qed taffaċċja kuntest ġeopolitiku ġdid, u kif qalet il-President von der Leyen, jeħtieġ li nwieġbu s-sejħa tal-istorja. Nemmen bis-sħiħ li l-pajjiżi kandidati tal-UE jeħtieġu azzjonijiet konkreti. Il-KESE qed jagħmel il-parti tiegħu billi jwitti t-triq u jintegra progressivament il-pajjiżi kandidati tal-UE. Adottajna inizjattiva dwar "**Membri Kandidati tat-Tkabbir**". Dan ifisser li r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili mill-pajjiżi kandidati tal-UE se jingħaqdu mal-ħidma konsultattiva tagħna mill-2024. Kelli l-opportunità li nitkellem mas-soċjetà ċivili mir-reġjun tal-Balkani

tal-Punent matul il-Forum tas-Soċjetà Ċivili tagħna f'Tessalonika, u mill-Ukrajna, matul l-aħħar żjara tiegħi fi Kiev. Il-messaġġ tiegħi kien ċar: **il-KESE huwa msieħeb kredibbli li jwettaq l-impenji tiegħu**. Ninsab konvint li din hija t-triq it-tajba 'l quddiem.

Dawn huma biss uħud mill-punti ewlenin tal-2023, iżda nixtieq intenni li dawn l-istadji importanti ma setgħux jinkisbu mingħajr l-isforz kollettiv ta' din id-dar, tal-membri u tal-persunal tagħna. Nixtieq niringrazzjakom għad-determinazzjoni u l-impenn tagħkom biex inkunu l-vuċi tas-soċjetà ċivili.

Hekk kif inħarsu 'l quddiem biex nilqgħu s-Sena l-Ġdida, se nilqgħu wkoll il-bidu tal-Presidenza Belġjana tal-Kunsill tal-UE. L-ewwel nett nixtieq niringrazzja lill-kollegi Spanjoli tagħna għall-ħidma sfieqa tagħhom u d-dedikazzjoni tagħhom matul il-Presidenza. Ninsab ħerqan biex naħdmu



flimkien mal-Presidenza Belġjana.

Nixtiqilkom l-isbaħ awgurju għall-festi u nittama li nkomplu b'din il-ħidma kbira s-sena d-dieħla.

Oliver Röpke

Il-President tal-KESE

DATI TAD-DJARJU

13-14 ta' Diċembru 2023, Brussell

Sessjoni plenarja tal-KESE

15 ta' Diċembru 2023, Brussell

[Kif inrawmu l-implimentazzjoni ta' Viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali tal-UE?](#)

18 Diċembru 2023, Brussell

[It-triq 'il quddiem għall-Ekonomija tal-UE fl-2024](#)



DRITT GĦALL-PUNT

“Dritt għall-punt” jilqa’ lil Diandra Ní Bhuachalla, li se tirrappreżenta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew bħala d-delegat żagħżugħa tal-KESE fis-summits tal-COP fl-2023 u fl-2024.

Diandra Ní Bhuachalla hija d-Delegat taż-Żgħażaġħ fi ħdan il-KESE għall COP28 u l-COP29. Hija wkoll Ambaxxatur Globali tal-Ġenerazzjonijiet Futuri mal-Kummissarju għall-Uffiċċju tal-Ġenerazzjonijiet Futuri għal Wales u l-Fondazzjonijiet għal Għada, membru tan-network taż-żgħażaġħ u l-istudenti SDG4 tal-UNESCO, u Riċerkatur tal-Konverżazzjonijiet Komuni dwar il-Futur ma’ Chatham House. Diandra kienet id-Delegata taż-Żgħażaġħ tan-Nazzjonijiet Uniti tal-Irlanda mill-2021 sat-22, u issa taħdem mal-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażaġħ tal-Irlanda, u tikkoordina l-programmi tan-Nazzjonijiet Uniti u tad-Delegati taż-Żgħażaġħ dwar il-Klima rispettivament. Il-promozzjoni tagħha tkopri 12-il sena fil-livelli lokali, nazzjonali u internazzjonali, u tiffoka fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-edukazzjoni ta’ kwalità, il-ġustizzja klimatika, u l-paċi u s-sigurtà. Apparti li hija avukata, Diandra għandha Baċċellerat tax-Xjenzi (bl-Unuri) fil-Governanza u Masters tax-Xjenzi fil-Politika Pubblika Internazzjonali u d-Diplomazija mill-Università



“JEKK ID-DI?ASTRI KLIMATI?I RE?ENTI MHUMIEX BI??EJJED G?AL FTEHIM FIL- COP28, MELA X’INHUWA?”

Bħala delegat żagħżugħa li se nattendu l-ewwel darba l-COP, se mmur b’moħħ miftuħ kif ukoll b’ottimiżmu inġenwu. Din il-ġimgħa, it-temperaturi globali telgħu għal 2 gradi ogħla mill-livelli preindustrijali. Jekk dan, flimkien mal-għargħar orribbli, in-nirien fis-selvaġġ, in-nixfiet, u t-terremoti li esperjenzajna din is-sena biss madwar id-dinja, mhuwiex biżżejjed sabiex jintlaħaq ftehim biex jintemm l-użu tal-fjuwils fossili, f’konformità mat-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni tal-Fjuwils Fossili, ma nafx x’jista’ jkun biżżejjed.

Huwa proprju f’waqtu li l-ħidma tad-delegazzjoni tagħna se tiffoka fuq l-Agricoltura u s-Sigurtà tal-Ikel, il-Programm ta’ Ħidma għal Tranżizzjoni Ġusta, u l-Finanzjament għall-Klima. Magħhom se nżid ukoll l-interessi tiegħi, li jinkludu l-Ġustizzja Klimatika, u l-intersezzjoni tat-tibdil tal-klima u tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u l-Paċi u s-Sigurtà.

Minkejja li ż-żgħażaġħ għandhom aċċess limitat għall-kmamar tan-negozjati, nemmen li l-vuċi tagħna se tkun kruċjali fit-tfassil tal-eżiti tal-COP28. Huwa grazzi għall-persjoni bla waqfien taż-żgħażaġħ fuq dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet li għandna l-ftehimiet dwar il-klima, minkejja li dawn jonqsu milli jipprovdut dak li huwa verament meħtieġ. Nemmen li l-vuċi taż-żgħażaġħ hija wkoll valida u għandha tinstema, speċjalment meta jitqies il-fatt li aħna se jkollna niffaċċjaw ir-riżultati tan-nuqqas ta’ azzjoni klimatika għal perjodu twil ta’ żmien.

Il-passjoni tiegħi għall-azzjoni klimatika hija bbażata fuq tliet fatturi fundamentali:

- Ir-realizzazzjoni li t-tibdil fil-klima huwa indiskriminat u jaggrava kwistjonijiet oħra b’all-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-paċi u s-sigurtà.
- L-abbundanza ta’ informazzjoni disponibbli li tawtonomizza li-?g?a?ag? biex jedukaw lilhom infushom u jkunu konxji tal-impatt globali tat-tibdil fil-klima.
- Il-frustrazzjoni tan-nuqqas ta’ azzjoni klimatika minn dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, li jiegħna nitolbu għal bidla.

Fil-COP28, jiena ħerqana biex niltaqa’ ma’ persuni li ġejjin minn sfondi differenti, nisma’ l-istejjer tagħhom, u nespandi l-għarfien tiegħi u nkebbes mill-ġdid it-tama tiegħi għall-futur. Madankollu, ninsab inkwetata dwar il-possibbiltà li dan l-eċċitament jista’ jinbidel f’biża’ skont l-adeqgħatezza u l-implimentazzjoni tal-miżuri maqbula.

“MISTOQSIJA WA?DA LIL...”



Mistoqsija lil ...

Għall-kolonna tagħna “Mistoqsija lil ...”, staqsejna lill-membru tal-KESE Dovelé Juodkaité biex titkellem dwar ir-rapport reċenti tagħha li jirrigwarda r-reviżjoni tad-Direttiva tal-UE dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-vittmi tal-kriminalità.



“Insa??u d-drittijiet tal-vittmi, niprovdulhom appo?? u protezzjoni madwar l-UE”

KESE Info: Skont data mill-Kummissjoni Ewropea, 15 % tal-Ewropej huma vittmi tal-kriminalità kull sena. Il-vittmi m'għandhomx aċċess għall-informazzjoni, l-appoġġ u l-protezzjoni. X'inhuma l-proposti tal-KESE dwar l-istabbiliment ta' standards minimi dwar id-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità?

Dovilé Juodkaité: Ir-reviżjoni proposta tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi mill-Kummissjoni Ewropea għandha l-għan li ttejjeb id-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi madwar l-UE. Hija mmirata lejn drittijiet ewlenin kruċjali għas-salvagwardja tad-drittijiet tal-vittmi matul il-proċess legali – aċċess għall-informazzjoni, appoġġ individwalizzat, drittijiet proċedurali u kumpens. Il-KESE jappoġġja l-proposta u jiffoka fuq dispożizzjonijiet speċifiċi għat-titjib.

Filwaqt li ma għandu jkun hemm l-ebda ġerarkija fost il-vittmi u t-tipi ta' reati, xi vittmi jistgħu jeħtieġu appoġġ addizzjonali. Il-KESE jilqa' emendi biex tittejjeb il-valutazzjoni individwali tal-vittmi u jappoġġja miżuri speċifiċi għal vittmi vulnerabbli, inklużi tfal u persuni b'diżabbiltà.

Minħabba varjazzjonijiet bejn l-Istati Membri, il-KESE jissuġġerixxi li l-Kummissjoni toħloq linji gwida ta' valutazzjoni dettaljati għaċ-ċarezza dwar l-obbligi tal-awtoritajiet, u tenfasizza obbligi aktar b'saħħithom dwar it-taħriġ ta' professjonisti fir-rigward tad-drittijiet tal-vittmi u tipprovdi aċċess għall-informazzjoni. Il-KESE jiddispaċiħ dwar l-inklużjoni ta' kwistjonijiet ta' saħħa mentali fil-lista ta' reati u mġiba perikoluża meta jiġi vvalutat ir-riskju tat-trasgressur, u jirrakkomanda t-tneħħija tagħhom. Għandhom jiġu inklużi biss fatturi marbuta ma' kemm hija perikoluża l-persuna, biex ma tkomplix issir diskriminazzjoni kontra kwistjonijiet ta' saħħa mentali.

Id-direttiva tenfasizza l-kapaċità tal-vittmi li jirrevedu d-deċiżjonijiet tal-qorti b'mod indipendenti, li hija kruċjali għall-parteċipazzjoni attiva fil-ġustizzja. Il-KESE jħeġġeġ notifika fil-pront ta' dan id-dritt, sabiex jiġihaffu r-reviżjonijiet. Jappoġġja wkoll it-titjib tal-aċċess f'waqtu għall-kumpens billi jsir il-ħlas bil-quddiem tal-istat f'konformità mal-ordni ta' kumpens u wara jirkuprah mingħand il-ħati.

L-implimentazzjoni tad-direttiva hija kruċjali għall-protezzjoni konsistenti tad-drittijiet tal-vittmi madwar l-Unjoni. Il-KESE jħeġġeġ lill-Istati Membri biex jallokaw finanzjament adegwat għat-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tad-Direttiva, u jenfasizza r-rwol tal-Kummissjoni fit-tisħiħ tal-finanzjament tal-UE u fl-għajnuna lill-istati bi standards u formati ta' rappurtar komuni għall-ġbir tad-data. Jissuġġerixxi li jsiru studji u sħarriġ dwar il-vittmi bl-użu ta' metodoloġija unifikata u bl-involvement tas-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-iżvilupp ta' standards u formati. Il-kontinwità tal-ħidma tal-Pjattaforma tad-Drittijiet tal-Vittmi stabbilita fil-qafas tal-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Vittmi 2020-2025 hija importanti biex tiggwida u tassisti lill-Istati Membri fit-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tad-Direttiva. Għaldaqstant, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istrateġija tat-terminu li jmiss, kif ukoll lill-Istati Membri biex jadottaw strateġiji jew programmi nazzjonali dwar id-drittijiet tal-vittmi u jsaħħu l-koordinazzjoni u l-koooperazzjoni għall-każijiet transfruntiera.

Ir-reviżjoni tad-direttiva hija pass fid-direzzjoni t-tajba. Billi jiddeskrivi fejn hemm lok għal titjib, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li din ir-reviżjoni tiżgura l-ġustizzja għall-vittmi kollha.

AQTA' MIN HI L-PERSUNA MISTIEDNA?



Il-mistieden sorpriża

Fil-kolonna “Il-mistieden sorpriża” tal-bullettin tagħna nistiednu nies straordinarji mill-kultura, il-politika, ix-xjenza, il-media u l-ħajja pubblika li permezz tax-xogħol, l-impenn u d-dedikazzjoni tagħhom jistgħu jservu ta’ ispirazzjoni bl-istejjer u t-testimonjanzi tagħhom.

Il-mistieden tagħna għal Diċembru huwa **Willem Vriesendorp**, il-fundatur u CEO ta’ #SustainablePublicAffairs. Huwa se jikkondividi l-fehmiet tiegħu dwar il-konferenza COP 28 f’Dubai li saret mit-30 ta’ Novembru sat-12 ta’ Diċembru ta’ din is-sena u dwar il-kwistjoni tat-tibdil fil-klima. Konferenzi bħal dawn jistgħu jikkontribwixxu biex tinbidel il-mentalità tal-pubbliku dwar it-tibdil fil-klima, jew se jagħmluna aktar sensittivi u attenti għat-tibdil fil-klima u l-konsegwenzi tiegħu għall-pjaneta? Il-COP28 hija t-28 laqgħa annwali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-klima fejn il-gvernijiet se jiddiskutu kif jista’ jiġi limitat it-tibdil fil-klima u

kif nistgħu nħejju għat-tibdil fil-klima fil-futur.

Willem intgħażel bħala wieħed mill-konsulenti ewlenin tal-Affarijiet Pubbliċi minn Best in Brussels u Mace Magazine. Din is-sena, huwa tħabbar bħala wieħed mill-akbar 40 influwenzaturi ta’ Politico fi Brussell.”



Wasal i?-?mien biex na?ixxu.

Minn Willem Vriesendorp

Is-sostenibbiltà tista' tkun sostnuta biss jekk tkun il-frott ta' proċess demokratiku. Il-fatt li, kull sena, il-partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) jingħaqdu flimkien huwa pożittiv. Il-Konferenza tal-Partijiet (COP) hija djalogu tant meħtieġ u turi li aħna nemmnu fil-possibbiltà li nsibu soluzzjoni b'mod demokratiku.

Fid-dibatittu dwar is-sostenibbiltà naraw li kwistjoni li ta' spiss tiġi traskurata hija ż-żmien. Naħseb li nistgħu ngħidu b'ċertezza li ħadd ma huwa kontra s-sostenibbiltà ambjentali, iżda d-differenzi jinsabu fil-livell ta' ambizzjoni dwar iż-żmien meħtieġ biex jintlaħqu ċerti limiti u għanijiet. Il-COP għandha tkun aċċeleratur ta' dak il-proċess, iżda jista' jkollha wkoll l-effett oppost jekk iservi bħala salott, fejn l-attenzjoni tkun fuq l-indirizzar tas-sintomi u mhux fuq l-għerq tal-problema. F'dak il-każ ikollha effett negattiv u twassal għal greenwashing.

Issa li qed inħejju għall-COP28, nixtiequ naraw tliet affarijiet li jinsiltu minnha. L-ewwel nett, pjan ta' azzjoni konkret biex jitwaqqfu l-investimenti f'enerġija ġdida li taħdem bil-fjuwils fossili u l-eliminazzjoni gradwali rapida tas-sorsi eżistenti tal-enerġija li jaħdmu bil-fjuwils fossili. It-tieni nett, ftehim dwar it-telf u d-dannu. M'hemm l-ebda dubju li l-aktar spalla wiesgħa għandha ġġorr l-akbar tagħbijiet, b'mod partikolari meta l-Punent sfrutta għal sekli sħaħ il-beni pubbliċi għal gwadann privat. Għalhekk għandna bżonn ftehim dwar it-telf u l-ħsara. Dan jista' jseħħ biss jekk it-Tramuntana Globali taċċetta li tħallas. It-tielet, reviżjoni profonda tas-swieq u s-sistemi globali tal-kapital. Għandna bżonn li nagħtu prezz lill-esternalitajiet ambjentali u lit-tniġġis, biex isir aktar diffiċli li jiġu ffinanzjati proġetti li jniġġsu.

Din il-COP se tkun partikolarment interessanti peress li se tippreżenta r-riżultati tal-ewwel rendikont globali u, bħalma kulħadd jaf, ninsabu f'direzzjoni tassew ħażina. Is-Sibt li għadda, għall-ewwel darba fl-istorja, it-temperatura globali medja kienet aktar sħuna b'2°C. Kważi ħadd ma nduna b'dan. Hemm bżonn ta' azzjoni immedjata. Dan ifisser li l-

Presidenza tal-COP28 se jkollha rwol x'taqdi li jeħtieġ awtodixxiplina estrema u previżjoni, peress li dak li jeħtieġ li tagħmel jista' jitqabbel ma' dak ta' meta l-aħjar bejjiegħ tal-hamburgers fil-belt jibda jgirakkomanda li jiġi pprojbit il-bejgħ tal-hamburgers u jiġġieled biex tiġi approvata liġi li tippermetti biss hamburgers ibbażati fuq il-pjanti.

Ma nistax naħseb f'ħafna eżempji ta' mexxejja li huma lesti li jaħdmu kontra l-interessi tagħhom. Xjentisti tal-imġiba bħal Daniel Kahneman jgħidilna li l-awtodixxiplina u l-previżjoni huma kwalitajiet rari ħafna, kważi inumani.

Huwa minħabba dan li għandna bżonn noħolqu pressjoni esterna - u fejn l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili huma importanti. Nemmnu wkoll li l-pijunieri tas-sostenibbiltà, jiġifieri n-negozji li diġà qed jissuperaw in-normi ambjentali tal-lum, għandhom rwol kbir ħafna x'jaqdu. Jeħtieġ li niżguraw li dawn isemm għu leħin hom u juru lin-negozjaturi li s-sostenibbiltà hija ġġustifikata b'mod ekonomiku. Mhix biss għażla ta'

negozju li tqarribna lejn il-miri tagħna b'rabta mal-klima u l-ambjent - hija wkoll għażla kummerċjali tajba.

Dan huwa eżattament dak li nagħmlu aħna ta' #SustainablePublicAffairs. Aħna l-ewwel u l-unika aġenzija ta' konsulenza u relazzjonijiet pubbliċi li taħdem biss għal każijiet li għandhom impatt pożittiv fuq l-ambjent. Il-missjoni tagħna hija dik li nagħmlu l-prestazzjoni tal-pijunieri tas-sostenibbiltà n-norma billi nħeġġu li tiġi adottata politika ambjentali aktar ambizzjuża.

Nistiednu lill-industrija kollha tas-servizzi professjonali biex taqdi rwol aktar pożittiv u konxju. Bħalissa, il-biċċa l-kbira tal-konsulenti (tal-istrateġija), id-ditti tal-awditjar, id-ditti legali, il-konsulenti tal-komunikazzjoni, il-konsulenti tal-PR u oħrajn simili, ipoġġu l-professjonalità tagħhom biex jaħdmu fuq każijiet li jmorru kontra l-Ftehim ta' Pariġi. Nemmu li huwa importanti ħafna li dawn l-industriji abilitanti jieħdu pożizzjoni u jagħżlu għal min jaħdmu: ħadd m'għandu jaħdem, bħala intrapriża, biex jiġu avvanzati kawżi li ma jridux jaraw jitwettqu bħala ċittadin.

Nemmu li jekk il-pijunieri tas-sostenibbiltà u l-industrija tas-servizzi professjonali jsemmgħu leħnhom, il-Presidenza tal-COP28 se tifhem li intrapriża sostenibbli hija intrapriża valida u l-intrapriża tal-futur. Wasal iż-żmien biex naġixxu u għandna nieħdu kemm jista' jkun miżuri meħtieġa malajr kemm jista' jkun. Ilna li għaddejna l-fażi fejn kellna ċ-ċans kollu li nbassru triqitna lejn il-futur. Irridu nibdew nipprevedu d-dinja kif nixtiequ li tkun fl-2050 - u dan sfortunatament ifisser li għandna bżonn nimplimentaw xi wħud mill-miżuri li se joqorsu fil-laħam il-ħaj.

Dan nistgħu nagħmluh biss jekk inkunu maqgħudin.

Dan l-artiklu ġie ffinalizzat waqt li l-COP28 kienet għadha għaddejja.

A?BARIJET TAL-KESE



It-tiswir tal-finanzjament sostenibbli: Il-pjan tal-KESE g?al regolament li jirregola l-klassifikazzjonijiet ESG

Il-KESE ta l-opinjoni tiegħu dwar il-proposta tal-UE li tirregola l-klassifikazzjonijiet ambjentali, soċjali u ta' governanza (ESG). F'Opinjoni adottata f'Ottubru 2023, il-Kumitat jenfasizza l-ħtieġa ta' standards ta' kwalità għall-ġlieda kontra l-greenwashing u jirrakkomanda l-inklużjoni obbligatorja tal-prinċipju tal-materjalità doppja.

Id-definizzjonijiet ta' "klassifikazzjonijiet ESG" u "fornituri tal-klassifikazzjoni ESG" jeħtieġ li jiġu rfinuti biex jiġu esklużi ċerti attivitajiet mhux kummerċjali mill-ambitu tar-regolament. Il-KESE jirrakkomanda wkoll li tiġi stabbilita aġenzija tal-UE għas-sostenibbiltà.

Il-klassifikazzjonijiet ESG jiggwidaw l-investimenti lejn prattiki sostenibbli, li jgħinu l-bidla għal ekonomija newtrali għall-klima. **Krzysztof Balon**, ir-relatur tal-KESE, jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni, u jenfasizza "il-ħtieġa għal standards rigorużi, trasparenza u prevenzjoni tal-kunflitti biex titrawwem il-fiduċja fis-swieq finanzjarji u tinkiseb ekonomija newtrali għall-klima".

Biex tiġi żgurata l-kwalità u jiġi miġġieled il-greenwashing, il-KESE jipproponi proċess ta' awtorizzazzjoni u rekwiżiti organizzattivi għall-fornituri tal-klassifikazzjoni ESG. Dawn jissuġġerixxu standard ta' "materjalità doppja", li jagħti mandat lill-kumpaniji biex jirrapportaw dwar l-impatt tas-sostenibbiltà fuq in-negozju u s-soċjetà/l-ambjent tagħhom. "Dan għandu l-għan li jsaħħaħ l-affidabbiltà tal-informazzjoni permezz ta' kompetizzjoni regolata fost il-fornituri", jgħid il-korelatur tal-KESE **Andrea Mone**.

Barra minn hekk, il-KESE jissuġġerixxi li jiġu rfinati l-"klassifikazzjonijiet ESG" u li evalwazzjonijiet mhux kummerċjali minn ċerti gruppi jiġu esklużi mir-regolament. Il-Kumitat jirrakkomanda l-istabbiliment ta' aġenzija tal-UE għas-sostenibbiltà biex jimtlew il-lakuni fis-suq billi jiġu kklassifikati l-SMEs, il-fornituri tas-servizzi u l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali. Din l-aġenzija terġa' ġgħib il-fiduċja tal-pubbliku fis-swieq finanzjarji u tiffaċilita r-riżoluzzjoni tat-tilwim, li hija prijorità għall-KESE. (tk)



#ReskillEU – Il-forza tax-xogħol Ewropea fil-qasam tal-enerġija u tat-trasport teħtieġ sett ta' ħiliet u odra biex id-dekarbonizzazzjoni ssir realtà

Il-Konferenza dwar #ReskillEU - impjegi ġodda għall-enerġija u t-trasport fl-Ewropa, li għet koospitata mis-Sezzjoni TEN u d-DĠ Riċerka u Innovazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea fi Brussell fit-8 ta' Novembru 2023, bagħtet messaġġ ċar: l-UE jrid ikollha pjan strutturat u effiċjenti biex tiżviluppa l-ħiliet kritiċi li huma meħtieġa, jekk irridu li jseħħu t-tranżizzjonijiet tal-enerġija u tat-trasport.

L-enerġija u t-trasport nodfa jeħtieġu b'mod urġenti ħiliet, għarfien u kapaċitajiet ġodda, u l-perkors tal-UE lejn in-newtralità klimatika sal-2050 jista' jirnexxi biss jekk ikun akkumpanjat minn forza tax-xogħol mgħammra bis-sett ta' ħiliet meħtieġa.

Fir-rigward tal-importanza ta' "ħiliet u għarfien ġodda għal tranżizzjoni ekoloġika u diġitali bla xkiel fis-settur tat-trasport u tal-enerġija", il-

President tal-KESE **Oliver Röpke** qal: "L-enfasi fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali ma tridx tinjora l-element uman fil-kisba ta' dawn l-għanijiet. Jeħtieġ li niżguraw li l-membri kollha tas-soċjetà jkunu parti minn din it-tranżizzjoni."

Sabiex tiżgura li l-ħaddiema jkunu mgħammra bil-ħiliet "il-ġodda" meħtieġa, l-UE trid taġixxi issa, f'konformità mal-oġettivi stabbiliti fl-Aġenda għall-ħiliet għall-Ewropa għall-2025 u fil-kuntest tas-Sena Ewropea tal-ħiliet 2023.

Is-settur tal-enerġija rinnovabbli tal-UE attwalment jeħtieġ iktar minn 1,2 miljun ħaddiem tas-sengħa u – skont l-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Rinnovabbli – dawn il-figuri huma mistennija jiżdiedu kull sena sal-2050.

L-istess jgħodd għat-trasport, li jimpjega aktar minn 15-il miljun persuna fl-UE. It-trasport huwa settur li għaddej minn trasformazzjoni rapida u qed jissawwar ferm mit-teknoloġiji tal-awtomatizzazzjoni, l-elettrifikazzjoni u l-ekoloġizzazzjoni.

"Meta nħarsu lejn is-setturi tal-enerġija u tat-trasport fl-Ewropa, joħroġ fid-dieher b'mod estremament ċar il-kobor tal-isfida tal-ħiliet", qalet **Baiba Miltoviča**, il-President tas-Sezzjoni TEN. "Irridu niżguraw li l-iżvilupp tal-għarfien u l-ħiliet ikun fuq quddiem nett tal-isforzi tagħna. Dan jinvolvi impenn għal tagħlim kontinwu, taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet biex jiġu ssodisfati d-domandi li qed jevolvu." (mp)



#RareDiseases – L-UE te?tie? strate?ija biex tg?in 36 miljun persuna fl-Ewropa

Waqt il-konferenza tiegħu f’Bilbao fl-10-11 ta’ Ottubru 2023, il-KESE għamel appell qawwi fejn ħeġġeġ lill-Unjoni Ewropea biex tnedi pjan ta’ azzjoni Ewropew għall-ġlieda kontra l-mard rari.

L-għan ewlieni huwa li tizzied il-kooperazzjoni bejn is-sistemi nazzjonali tas-saħħa biex jiġu pprovduti dijanjożi, trattament u kura aħjar lill-pazjenti b’ mard rari.

Il-mard rari joħloq problema serja fl-Istati Membri kollha tal-UE; l-Unjoni Ewropea tas-Saħħa naxxenti jista’ jkollha rwol ewlieni fl-indirizzar tagħhom.

Fil-prattika, il-mard rari huma inqas rari milli naħsbu. Iċ-ċifri huma allarmanti: bħalissa, hemm 'il fuq minn 7000 marda rari li jaffettwaw 8 % tal-popolazzjoni tal-UE, madwar 36 miljun ruħ.

Il-konferenza kienet organizzata mis-Sezzjoni għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Infommazzjoni u laqqgħet flimkien 50 kelliem, 45 membru tal-KESE, id-Direttur Ġenerali għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari tal-Kummissjoni Ewropea, 3 Membri tal-Parlament Ewropew u madwar 550 parteċipant mill-Ewropa kollha.

“L-Unjoni Ewropea tas-Saħħa li qed nibnu trid tħares u tiegħu ħsieb kull ċittadin. Għandna d-dmir li nappoġġjaw lin-nies li jgħixu b’ mard rari u lill-familji tagħhom. L-isforzi tagħna se jkomplu jagħmlu differenza għal dawk kollha fil-bżonn,” qalet **Stella Kyriakides**, il-Kummissarju Ewropew għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari.

“Il-fatt huwa li l-‘mard rari’ mhu rari xejn. Huwa sfida pan-Ewropea li teħtieġ soluzzjoni pan-Ewropea,” tenna **Oliver Röpk**e, President tal-KESE, u **Baiba Miltoviča**, President tas-Sezzjoni TEN, żiedet tgħid: “Neħtieġu pjan ta’ azzjoni Ewropew biex il-pazjenti b’ mard rari jkunu jistgħu jiġu kkurati fl-aktar Stat Membru adegwat tal-UE: dawn jixirqilhom l-aħjar attenzjoni, irrISPETTIVAMENT minn fejn tkun disponibbli l-kura fl-Ewropa.” (mp)



Insawru l-futur klimatiku tag?na fil-COP28: Id-delegazzjoni tal-KESE

Il-COP28 tipprovdi mument kruċjali għan-nazzjonijiet biex jaffermaw mill-ġdid u jsaħħu l-impenji tagħhom fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Il-Ftehim ta' Pariġi, stabbilit matul il-COP21, witta t-triq għal sforzi kollettivi biex tiġi limitata ż-żieda fit-temperatura globali. Fil-COP28, il-pajjiżi għandhom l-opportunità li jirrevedu u jsaħħu l-miri klimatiki tagħhom, billi jiżguraw li dawn jallinjaw mal-aħħar valutazzjonijiet xjentifiċi u l-urġenza dejjem akbar tal-kriżi klimatika.

Il-konferenza COP28 se tiltaqa' mit-30 ta' Novembru sat-12 ta' Diċembru 2023 f'Dubai, l-Emirati Għarab Magħquda (UAE). Il-KESE qed jipparteċipa b'mod attiv fin-negozjati annwali.

Waqt il-COP28, se jiġi konkluż l-ewwel [Rendikont Globali](#) tal-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi. Kull rendikont huwa proċess ta' sentejn, imwettaq kull ħames snin, biex jiġi vvalutat il-progress kollettiv tad-dinja lejn il-kisba tal-għanijiet klimatiki tagħha. L-ewwel Rendikont

Globali jinsab fil-punt tan-nofs tal-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-SDGs tagħha, inkluż l-Għan 13 (azzjoni klimatika).

F'[ittra](#) lill-partiti mibgħuta f'Lulju 2023, il-presidenza ħabbret li l-COP28 se tiffoka fuq erba' bidliet fil-paradigma:

- It-t'affif tat-tranżizzjoni tal-enerġija u t-tnaqqis tal-emissjonijiet qabel l-2030;
- It-trasformazzjoni tal-finanzjament g'all-klima billi jitwettqu wegħdiet antiki u jiġi stabbilit il-qafas g'al ftehim ġdid dwar il-finanzi;
- It-tqegħid tan-natura, in-nies, il-ajjiet u l-għajjen fil-qalba tal-azzjoni klimatika; u
- Il-mobilizzazzjoni g'all-aktar COP inkluġiva li qatt saret.

Il-KESE se jkun parti mid-delegazzjoni tal-UE u ser jiddependi fuq il-parteċipazzjoni tal-President tal-KESE, **Oliver Röpk**e, is-sitt membri tal-[Grupp Ad Hoc](#) dwar il-COP, **Peter Schmidt**, **Isabel Caño Aguilar**, **Josep Puxeu Rocamora**, **Antje Sabine Gerstein**, **Neža Repanšek** u **Arnaud Schwartz** kif ukoll id-delegat żagħżugħa għall-UNFCCC [Diandra Ní Bhuachalla](#). (ks)



Nivvalutaw il-progress tal-SDGs: sej? a g?al azzjoni

F'dinja li qed tistinka għal progress sostenibbli, huwa evidenti li minkejja li l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-Nazzjonijie Uniti qegħdin joqorbu lejn nofs l-iskeda ta' implimentazzjoni tagħhom, għad fadal sfidi sinifikanti. Fl-Opinjoni tiegħu adottata fil-plenarja ta' Ottubru, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jenfasizza l-ħtieġa li l-Unjoni Ewropea (UE) tadotta strateġija integrata u komprensiva b'għanijiet u pjani ambizzjużi u fit-tul.

Rapport reċenti tan-NU jiżvela tendenzi allarmanti hekk kif jindika li 12 % biss ta' madwar 140 mira tal-SDGs mexjin fit-triq it-tajba globalment. Il-KESE jħeġġeġ impenn politiku dejjiemi mill-UE li jinvolvi l-involviment bikri tal-partijiet ikkonċernati u riżorsi suffiċjenti. Il-Kumitat jenfasizza li l-SDGs għandhom jibqgħu impenn wara l-2030.

Il-KESE jenfasizza l-importanza ta' impenn politiku fit-tul mill-Kummissjoni li jmur lil hinn mill-mandat attwali. Dan l-impenn għandu jinkludi l-involviment bikri tal-partijiet ikkonċernati, ir-rappreżentanza minn istituzzjonijiet oħra u riżorsi adegwati biex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni inklużiva tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Il-KESE jemmen bis-sħiħ li l-SDGs iridu jibqgħu impenn fit-tul, anke wara l-2030.

Maria Nikolopoulou, ir-relatur tal-Opinjoni qalet: "Inħeġġu lill-Kummissjoni żżomm l-implimentazzjoni tal-SDGs fuq nett tal-aġenda politika, anke wara l-2030, u timplimenta l-mezzi biex titfassal strateġija globali tal-UE għall-mandat li jmiss".

Biex taċċellera l-progress, il-KESE tirrakkomanda li ngħaddu minn approċċ kompartmentalizzat għal approċċ olistiku, u jiġu ssemplifikati l-politiki għall-iżvilupp sostenibbli. L-involviment ta' diversi setturi, inklużi s-soċjetà ċivili, is-setturi pubbliċi u privati, l-akkademja, u l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u tan-nisa, huwa kruċjali. Il-KESE jirrakkomanda dialogu strutturat mas-soċjetà ċivili bl-involviment tal-kumpaniji, it-trade unions u l-organizzazzjonijiet fil-livell lokali.

"L-SDGs għadhom perfettament rilevanti illum il-ġurnata. Għandna nkomplu naħdmu fuqhom flimkien", qalet il-korelatur **Antje Gerstein**. (ks)



[Il-Balkani tal-Punent qatt qabel ma kienu daqshekk qrib l-adeżjoni mal-UE](#)

Il-KESE organizza l-Forum tas-Soċjetà Ċivili tal-Balkani tal-Punent fid-19 u l-20 ta' Ottubru 2023, li indika momentum imġedded għar-reġjun biex jissieħeb fl-UE, fid-dawl tas-sitwazzjoni ġeopolitika attwali, u impenn ċar mill-mexxejja tal-UE għall-politika tat-tkabbir.

Ir-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili enfasizzaw il-ħtieġa li jiġi appoġġjat aktar u salvagwardjat l-isparzju ċiviku biex jiġu ffaċilitati r-riformi soċjoekonomiċi essenzjali meħtieġa għall-integrazzjoni fl-UE.

Il-Forum ġie organizzat f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea, il-[Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ](#), il-[Kunsill għall-Kooperazzjoni Reġjonali](#) u ċ-[Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali](#) (Cedefop) f'Tessalonika, il-Greċja.

Huwa u jiftaħ il-Forum, il-President tal-KESE, **Oliver Röpke**, qal: "Il-KESE kien parti integrali mill-proċess tat-tkabbir tal-UE u bi kburi nistqarr li qed nieħdu pass ieħor fl-appoġġ tagħna. Ftit ġimgħat ilu, il-KESE ħa deċiżjoni storika li jiftaħ il-bibien tagħna għall-pajjiżi kandidati tal-UE, billi ħatar membri minn dawn il-pajjiżi kandidati".

Il-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea għad-Demokrazija u d-Demografija, **Dubravka Šuica**, qalet "Lill-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent nixtieq ngħidilhom li l-preżent u l-futur tagħna huma konnessi mill-qrib. Nilqa' l-inizjattiva tal-KESE li jinkludi lill-membri kandidati għat-tkabbir fil-ħidma konsultattiva tiegħu. Il-KESE huwa l-ewwel korp tal-Unjoni Ewropea li għamel dan".

Il-kelliema, li ġew minn diversi organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u organizzazzjonijiet nongovernattivi mill-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent, semmew l-isfidi li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili qed jiffaċċjaw, bħal konsultazzjonijiet sporadiċi, tnaqqis notevoli fil-kooperazzjoni mal-gvernijiet u involviment limitat fil-proċess ta' monitoraġġ u ta' implimentazzjoni tal-politiki Ewropej.

Matul il-Forum ġew diskussi l-istat tas-sistema edukattiva, il-politika dwar iż-żgħażaġh u l-iżvilupp tal-ħiliet fil-Balkani tal-Punent, kif ukoll l-edukazzjoni għall-adulti, it-tagħlim tul il-ħajja u l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali.

It-tielet sessjoni kienet iddedikata għall-kontribut tas-soċjetà ċivili għall-implimentazzjoni tal-Aġenda Ekoloġika għall-Balkani tal-Punent.

Id-[Dikjarazzjoni](#) adottata se tkun pass 'il quddiem lejn is-Summit bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent li se jsir f'Diċembru. (at)



L-Ilma: nistg?u naffordjaw li ma nag?mlu xejn? Il-KESE jippre?enta l-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Patt Blu tal-UE

Fis-26 ta' Ottubru, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) żvela l-pjan tiegħu għal strateġija komprensiva tal-UE dwar l-ilma. Il-KESE qed imexxi t-triq bħala l-ewwel istituzzjoni Ewropea li tiegħu passi konkreti biex tindirizza l-kriżi tal-ilma. Il-proposti tiegħu jinkludu: tikketti tal-konsum tal-ilma, Fond ta' Tranżizzjoni Blu, kundizzjonalità tal-ilma fil-fond tal-UE u Kummissarju tal-UE dedikat għall-ilma.

L-ispiża tan-nuqqas ta' azzjoni dwar l-ilma hija stmata li tkun sa [ħames darbiet ogħla milli kieku tittieħed azzjoni](#), li tpoġġi n-negozji fi żvantaġġ finanzjarju sinifikanti. L-Ewropa għandha opportunità unika biex tbiddel l-isfidi tal-ilma f'opportunitajiet għall-iżvilupp teknoloġiku, il-progress tas-

soċjetà u t-tkabbir tan-negozju. Madankollu, l-approċċ frammentat attwali mhuwiex adegwat biex jindirizza l-iskarsezza tal-ilma, it-tniġġis u t-tidil fil-klima.

Il-President tal-KESE **Oliver Röpke** ippreżenta [dikjarazzjoni politika](#) b'sett ta' prinċipji u azzjonijiet konkreti biex il-Patt Blu jsir realtà. "L-ilma huwa l-prijorità", qal Röpke, "Jeħtieġ li nitgħallmu mill-iżbalji li saru bil-klima, l-enerġija u l-materja prima kritika, u nadottaw strateġija awtonoma tal-ilma li tkun fuq l-istess livell mal-Patt Ekoloġiku tal-UE."

Il-Membru tal-Parlament Ewropew, **Pernille Weiss**, approvat is-sejħha għal azzjoni, u enfasizzat il-ħtieġa ta' reżiljenza vera għall-ilma fl-UE. **Virginijus Sinkevičius**, il-Kummissarju Ewropew għall-Ambjent, l-Oċeani u s-Sajd, faħħar l-inizjattiva tal-KESE dwar l-ilma, li tpoġġi l-ġestjoni tal-ilma ħelu fl-attenzjoni Ewropea.

Il-KESE għandu l-għan li jintensifika l-pressjoni fuq l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri għal strateġija tal-ilma integrata qabel l-inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea dwar ir-Reżiljenza tal-Ilma fl-2024. Se jaħdem ukoll fuq Opinjonijiet addizzjonali li jeżaminaw aspetti speċifiċi tal-Patt Blu.

Mariana Mazzucato, kopresident tal-Kummissjoni Globali dwar l-Ekonomija tal-Ilma, wissiet li t-traskurar tal-kriżi tal-ilma jfixkel il-progress fit-tidil fil-klima u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli. Ir-Relatur Speċjali tan-NU **Pedro Arrojo-Agudo** enfasizza l-ilma bħala ġid komuni, li jeħtieġ governanza demokratika bbażata fuq is-sostenibbiltà u d-drittijiet tal-bniedem.

Il-Kumitat jenfasizza r-rwol tal-UE fl-indirizzar tal-kriżi globali tal-ilma, bi pjani biex tiġi promossa azzjoni internazzjonali dwar kwistjonijiet relatati mal-ilma fil-COP28 f'Diċembru. (gb)



Is-Soċjetà Ċivili Ta't Pressjoni fl-Ewropa – Tagħrif mill-Aktar Rapport Riżenti dwar l-Istat tad-Dritt

Rapport ġdid mill-Grupp dwar id-Drittijiet Fundamentali u l-Istat tad-Dritt (DFID) tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jenfasizza l-isfidi li qed jikbru li jiffaċċaw organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-Ewropa. Ir-rapport ġie żvelat fis-7 ta' Novembru matul il-konferenza tal-Grupp dwar id-Drittijiet Fundamentali u l-Istat tad-Dritt dwar il-qagħda attwali tal-istat tad-dritt u l-impatt tiegħu fuq l-ispazju ċiviku.

Ir-raba' konferenza annwali tal-KESE dwar id-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt eżaminat ix-xejriet u l-isfidi emerġenti, u r-rwol indispensabbli tas-soċjetà ċivili fis-superviżjoni u ż-żamma tal-istat tad-dritt ibbażat fuq ir-rapport tal-Grupp DFID u fuq ir-Rapport tal-Kummissjoni Ewropea għall-2023 dwar l-Istat tad-Dritt.

Il-President **Oliver Röpke** enfasizza ċ-ċentralità tad-difiża tal-libertà, id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem, u ppropona l-istabbiliment ta' Forum tas-Soċjetà Ċivili dwar id-Drittijiet Fundamentali u l-Istat tad-Dritt. Il-Kummissarju Ewropew għall-Ġustizzja, **Didier Reynders**, semma r-rwol vitali tas-soċjetà ċivili fil-ħarsien tal-istat tad-dritt, u sejjaħ għall-protezzjoni, l-appoġġ u l-għoti tas-setgħa tagħha.

Ir-raba' edizzjoni tar-[Rapport tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-Dritt](#) ġiet adottata f'Lulju 2023. Bħall-edizzjoni tal-2022, ir-Rapport fih rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż għal kull Stat Membru. Ir-rapport ta' din is-sena jevalwa wkoll il-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet mis-sena ta' qabel, li bejn wieħed u ieħor żewġ terzi minnhom ġew indirizzati b'mod sħiħ jew parzjali, skont il-Kummissjoni.

Matul il-konferenza, il-Grupp DFID tal-KESE ħareġ ir-[rapport](#) tiegħu bbażat fuq żjarat fil-pajjiżi, fil-Greċja, il-Finlandja, il-Portugall, is-Slovakkja, is-Slovenja, u l-Iżvezja fl-2022. Ir-rapport jiżvela li l-ebda Stat Membru ma huwa eżentat mill-isfidi, u jidentifika xejriet u theddid urġenti għad-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt fl-Ewropa. Dawn l-isfidi jinkludu ostakli li jiltaqgħu magħhom l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex jiksibu finanzjament, bidliet soċjoekonomiċi li qed jevolvu fis-settur tal-midja u kwistjonijiet persistenti relatati mal-ħeffa tal-ġustizzja – li kollha huma evidenti f'diversi pajjiżi Ewropej.

Paul Soete, il-president tal-Grupp DFID, jappella għal appoġġ aktar b'saħħtu fil-livelli nazzjonali u tal-UE biex jiġu salvagwardjati l-ispazju ċiviku u d-demokrazija kollha kemm hi. (gb)



Il-KESE pparte?ipa fil-Kumitat tan-Nazzjonijiet Uniti dwar is-Sigurtà Alimentari Dinjija

Il-membri tal-KESE **Peter Schmidt, Andreas Thurner, Piroska Kállay** u **Maurizio Reale** attendew il-51 plenarja tal-Kumitat tan-Nazzjonijiet Uniti dwar is-Sigurtà Alimentari Dinjija f'Ruma. Is-sigurtà alimentari dinjija hija t'ħassib globali kritiku li jmur lil hinn mill-fruntieri, u jħalli impatt fuq il-benesseri ta' biljuni ta' nies u fuq l-istabbiltà tan-nazzjonijiet. Hekk kif il-popolazzjoni globali tkompli tikber, u t-tibdil fil-klima joħloq sfidi bla preċedent għall-agrikoltura, l-iżgurar tas-sigurtà alimentari saret prijorità urġenti.

Il-KESE sejjaħ għal [Kunsill Ewropew għall-Politika tal-Ikel](#) biex jiżgura approċċ parteċipattiv għat-tfassil tal-politika u ħeġġeġ lill-parteċipanti biex jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jikkontrollaw l-[ispekulazzjoni tal-ikel](#). (ks)



Pakkett farma?ewtiku: je?tie? li l-UE tkun aktar strate?ika

L-aġġornament tant mistenni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-farmaċewtika joffri benefiċċji potenzjali għall-Ewropej, iżda għandu jqis aktar l-awtonomija strateġika.

It-tiġdid propost tar-regolament tal-UE dwar is-settur farmaċewtiku huwa milqugħ tajjeb, jgħid il-KESE, iżda għandu jagħmel enfasi akbar fuq it-tħassib soċjali u ġeopolitiku usa', u apparti hekk jiżgura li l-industrija tibqa' kompetittiva u tattira l-investment.

“Jeħtieġ li niksbu awtonomija strateġika u għal dan neħtieġu s-sigurtà tal-provvista. Jeħtieġ li jiġu żviluppatti inċentivi amministrattivi u finanzjarji,” qal **Martin Schaffnerath**, relatur tal-[Opinjoni tal-KESE dwar il-proposta tal-Kummissjoni](#). “Neħtieġu investment f'dan is-settur. Neħtieġu appoġġ sostenibbli għal dan il-qasam. U jeħtieġ li nerġġhu nġibu lura l-

produzzjoni.”

L-industrija farmaċewtika hija attur ekonomiku ewlieni fl-UE, u timpjega 840 000 persuna b'mod dirett u tliet darbiet aktar min hekk b'mod indirett. Fl-2021, l-industrija investiet EUR 41 biljun fir-riċerka u l-innovazzjoni. L-Opinjoni tagħmilha ċara li l-appoġġ għas-settur bħala pedament ta' teknoloġija avvanzata tal-ekonomija tal-UE għandu jkun fil-qalba tal-approċċ fit-tul tal-Unjoni.

Sabiex titnaqqas id-dipendenza fuq pajjiżi terzi, il-KESE jappoġġja l-inċentivi għall-manifatturi tal-mediċini fl-UE u jirrakkomanda r-rilokazzjoni tal-produzzjoni minn pajjiżi mhux tal-UE. L-Opinjoni tipproponi wkoll l-istabbiliment ta' riżerva ta' kontinġenza Ewropea ta' mediċini ta' importanza strateġika. Il-KESE jenfasizza l-awtonomija strateġika ekwa u jirrakkomanda l-espansjoni tax-xiri konġunt tal-mediċini tal-UE, u fl-istess ħin jikkwota l-eżempju ta' suċċess tal-akkwist tal-vaċċini kontra l-COVID-19.

L-Opinjoni tiffoka fuq l-importanza soċjali tar-reviżjoni regolatorja u tipproponi fond speċjali fil-livell tal-UE għall-mard rari, li jiżgura l-aċċess għat-trattament għall-pazjenti Ewropej kollha u li jtaffi d-disparitajiet fil-kura tas-saħħa fost l-Istati Membri, speċjalment meta l-assigurazzjoni tas-saħħa statutorja ma tkoprix l-ispejjeż kollha tat-trattament. (dm)



[Ir-responsabbiltà kummerċjali moderna tista' tippermetti lill-kumpaniji jixprunaw it-tranżizzjoni](#)

L-intrapriżi mikro, żgħira u ta' daqs medju (MSMEs) jeħtieġu appoġġ aktar effettiv u strutturat aħjar għat-tranżizzjoni lejn prattiki kummerċjali sostenibbli

F'[Opinjoni fuq inizzjattiva proprja](#), il-KESE jiffoka fuq il-kunċett tar-responsabbiltà kummerċjali moderna, ir-rwol tal-MSMEs fil-promozzjoni tal-prinċipji tagħha u l-ħtieġa li dawk li jfasslu l-iġijiet joħolqu ambjent favorevoli għall-MSMEs biex iħaddnu bis-sħiħ dawk il-prinċipji.

Il-KESE jiddefinixxi r-responsabbiltà kummerċjali moderna bħala approċċ proattiv u volontarju li jinkludi s-sostenibbiltà ekonomika, soċjali u ambjentali, li jmur lil hinn mill-obbligi legali. L-Opinjoni tenfasizza l-isfidi li jiffaċċjaw l-MSMEs fl-isforzi tagħhom biex jadottaw dawn il-prattiki. Biex dan jiġi indirizzat, il-KESE jirrakkomanda li jiġu stabbiliti alleanzi tal-MSMEs, li jrawmu ħiliet u kompetenzi kruċjali għal din it-tranżizzjoni. Il-kollaborazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem, it-trade unions,

il-kmamar professjonali, l-assoċjazzjonijiet u s-soċjetà ċivili hija essenzjali biex dawn l-isfidi jiġu indirizzati b'mod kollettiv.

Il-KESE jenfasizza approċċ wiesa' u pramatiku u fl-istess ħin jirrikonoxxi n-natura diversa tal-MSMEs u jirrifjuta soluzzjoni waħda tajba għal kulħadd. Ir-relaturi **Ferre Wyckmans** u **Milena Angelova** jenfasizzaw il-ħtieġa ta' ħsieb proattiv, li jirrikjedi appoġġ mill-imsieħba soċjali u dawk li jfasslu l-politika.

Il-KESE jirrakkomanda qafas ta' politika ta' appoġġ li jevita l-kumplessità, li jiżgura li r-riżorsi jikkonċentraw fuq ir-responsabbiltà tan-negozju fil-livell lokali. L-Opinjoni tirrakkomanda l-iżvilupp ta' għodod prattiċi bħal listi ta' kontroll, mudelli u kalkolaturi, u analiżijiet ta' xenarji alternattivi li l-MSMEs jistgħu jużaw biex jiżviluppaw l-operazzjonijiet tagħhom f'konformità mar-responsabbiltà kummerċjali moderna, u biex jirrapportaw dwar l-impjenji u l-kisbiet tagħhom.

Ir-relatur **Rudolf Kolbe** jinsisti fuq l-integrazzjoni tar-responsabbiltà fil-proċessi kollha tan-negozju, billi jestendi l-kunċett għall-ħaddiema li jaħdmu għal rashom, u jenfasizza l-iżvilupp professjonali kontinwu.

Il-kumitat jagħmilha ċara li l-kunċett tar-responsabbiltà tan-negozju jevolvi wkoll maż-żmien, u dan jiżgura l-ġestjoni proattiva u li tħares 'il quddiem tal-iżviluppi diġitali, ekoloġiċi u demografiċi fit-tul u fl-istess ħin isaħħaħ ir-reżiljenza matul il-kriżijiet. (dm)



[Pjani Nazzjonali għall-Irkupru u Reżiljenza: l-investiment soċjali qed jiġi diewid, iġda għad irid jittejjeb 'afna](#)

Il-KESE ospita konferenza fi Brussell fit-8 ta' Novembru, li tiffoka fuq id-dimensjoni soċjali fi ħdan il-Pjani Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza ffinanzjati mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP), l-akbar strument finanzjarju tal-UE.

L-RRP għandha l-għan tippromovi l-koeżjoni soċjali u ttaffi l-impatt soċjali tal-pandemija. Madankollu, jippersistu nuqqasijiet fil-Pjani Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza, inklużi investiment irregolari fi programmi soċjali madwar l-Istati Membri, konsultazzjoni inadegwata mal-imsieħba soċjali u dimensjoni dgħajfa tal-ġeneru.

Il-President tal-KESE, **Oliver Röpke**, enfasizza l-ħtieġa għal miżuri ġodda biex jindirizzaw l-iżbilanċi fil-programmi soċjali ffinanzjati mill-UE, partikolarment fl-akkomodazzjoni, it-taħriġ u l-edukazzjoni. **Evelyn Regner**, Viċi President tal-Parlament Ewropew, enfasizzat id-dimensjoni soċjali irregolari fil-Pjani Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u saħqet fuq l-effettività tal-mekkaniżmu tal-istadji importanti f'pajjiżi b'involviment qawwi tal-imsieħba soċjali.

Nicolas Schmit, il-Kummissarju tal-UE għall-Impjigi u d-Drittijiet Soċjali, appella biex fondi tal-RRF mhux allokat iġu kkunsidrati għall-investiment fid-djar, u nnota li filwaqt li l-RRF żied il-kapaċità għall-investiment soċjali fl-UE, l-Istati Membri jiffaċċjaw problemi ta' akkomodazzjoni li jeħtieġu attenzjoni urġenti.

Il-parteciċipanti fil-konferenza kkritikaw l-inadegwatezza tad-dispożizzjonijiet dwar il-ġeneri fl-RRF, li ma laħqux l-impjenji tal-UE għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Filwaqt li rrikonoxxa proġetti li għaddejjin bħalissa f'xi Stati Membri li fuq medda twila ta' żmien jistgħu jtejjbu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, id-dibattitu enfasizza l-ħtieġa għal approċċ aktar robust u komprensiv biex jġu indirizzati d-dimensjonijiet soċjali u tal-ġeneri fil-Pjani Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

Il-konferenza indirizzat diversi aspetti ta' dawn il-pjani, fosthom il-koeżjoni soċjali u d-dimensjoni taż-żgħażaġh, b'enfasi partikolari fuq miżuri edukattivi fil-programmi tal-Pjani Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza mmirati għaż-żgħażaġh. Il-parteċipanti enfasizzaw il-ħtieġa għal strateġiji aktar komprensivi biex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni mill-edukazzjoni għall-post tax-xogħol, u enfasizzaw l-importanza li ż-żgħażaġh jingħataw pjattaforma biex jinvolvu ruħhom b'mod attiv f'deċiżjonijiet li jsawru l-futur tagħhom. (II)



Fl-UE, il-progress tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri g'adu miexja bil-mod wisq

Minkejja ħafna żviluppi reċenti, u l-fatt li l-indiċi tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-UE laħaq livelli rekord din is-sena, għad fadal ħafna xi jsir biex f'ħafna oqsma n-nisa jiksibu drittijiet ugwali bħall-irġiel.

Fil-25 ta' Ottubru, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) organizza dibattitu dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri bħala parti mill-Ġimgħa Ewropea għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri - avveniment annwali organizzat mill-Parlament bil-għan li jenfasizza l-isforzi kontinwi tal-UE biex in-nisa jitqiegħdu fiċ-ċentru tal-leġiżlazzjoni.

Għalkemm qed isir progress, dan għadu 'l bogħod milli jkun sodisfaċenti. Fl-2023, l-indiċi tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri rreġistra l-ogħla żieda annwali, li ssarra f'punteġġ ta' 70,2 punti għall-UE, kif irrappurtat din il-ġimgħa mill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE).

Il-Viċi President tal-Parlament Ewropew, **Evelyn Regner**, indikat is-segregazzjoni kontinwa fis-suq tax-xogħol, bin-nisa kkonċentrati f'setturi b'pagi aktar baxxi u l-irġiel f'dawk b'pagi ogħla. Hija enfasizzat l-urġenza li jiġu indirizzati l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri, speċjalment fl-opportunitajiet indaqs b'rabta mal-impjegi. Il-Kummissarju għall-Ugwaljanza, **Helena Dalli**, enfasizzat l-isforzi tal-UE matul dawn l-aħħar erba' snin biex tħares id-drittijiet tan-nisa, inkluża l-leġiżlazzjoni proposta dwar id-diskriminazzjoni fil-paga u r-rappreżentanza tan-nisa fuq il-bordijiet tal-kumpaniji.

Il-President tal-KESE, **Oliver Röpke**, afferma mill-ġdid l-impenn tal-Kumitat li jintegra l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-ħidma politika kollha, u ħeġġeġ it-tmexxija femminili fi ħdan il-KESE. Il-KESE se jerġa' jieħu sehem fil-[Ġimgħa Ewropea għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri](#), u jorganizza dibattiti dwar l-impatt tal-kriżi klimatika fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-vjolenza kontra n-nisa u l-inugwaljanza bejn il-ġeneri fl-aċċess għas-swieq finanzjarji. (II)



Nikkolegaw l-UE 2023: Id-di?informazzjoni u n-nuqqas ta' interess huma r-ra?unijiet ewlenin g'al parte?ipazzjoni elettorali baxxa fl-elezzjonijiet Ewropej

L-impatt tad-diżinformazzjoni fuq l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew tal-2024 u modi kif jiġi żgurati li s-soċjetà ċivili jkollha rwol aktar effettiv fil-promozzjoni ta' dawn l-elezzjoni, b'enfasi qawwija fuq iż-żgħażaġh: kienu s-suġġetti ewlenin diskussi fis-seminar “Elezzjonijiet Ewropej 2024: Għaliex għandek tivvota?”, organizzat mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) fi Bratislava fit-23 u l-24 ta' Novembru.

L-avveniment kien ospitat mill-Awtorità Ewropea tax-Xogħol u ttella' bi sħubija mal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali Slovakk u bl-appoġġ tal-Uffiċċju ta' Kollegament tal-Parlament Ewropew fi Bratislava. Huwa laqqa' flimkien

aktar minn 120 persuna: membri tal-KESE, uffiċjali tal-komunikazzjoni u tal-istampa tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, ġurnalisti u rappreżentanti ta' kunsilli ekonomiċi u soċjali minn seba' Stati Membri.

Id-diskussjonijiet li kienu mifruxa fuq jumejn żvelaw li l-Ewropej jeħtieġ li jkunu jafu kif id-deċiżjonijiet tal-UE jaffettwaw ħajjithom jekk il-kampanji biex tiżdied il-parteċipazzjoni elettorali għandu jkollhom effett reali. Il-messaġġi jeħtieġ li jkunu mfassla għal kull pajjiż tal-UE u l-ostakli li jipprevjenu liż-żgħażaġh milli jidhru fil-politika jeħtieġ li jiġu indirizzati bħala kwistjoni ta' urġenza.

Sabiex il-votanti jiġu mħeġġa joħorġu bi ħġarhom jivvutaw, huwa kruċjali li tiġi miġġielda b'mod effettiv id-diżinformazzjoni u li jkun hemm komunikazzjoni b'saħħitha u ċara dwar ir-riskji involuti, sabiex il-votanti jifhmu l-impenn tal-politiċi li se jirrapreżentawhom fl-UE.

Fil-ftuħ tas-seminar, il-President tal-KESE **Oliver Röpk**e qal: “Jekk irridu li l-elezzjonijiet tal-2024 jkunu ta' suċċess, il-koll kemm aħna – l-istituzzjonijiet tal-UE, il-media, l-ispeċjalisti tal-komunikazzjoni – jeħtieġ li naħdmu flimkien biex nissensibilizzaw sabiex niġġieldu d-diżinformazzjoni u, fuq kollox, inqarrbu lill-Ewropa lejn il-poplu tagħha. Fuq kollox, jeħtieġ li jkunu jafu li dawn l-elezzjonijiet huma dwarhom.”

Is-Sur Röpk u d-delegazzjonijiet tal-KESE żaru wkoll iċ-Ċentru Investigattiv Jan Kuciak u fakkru l-memorja tal-ġurnalist Jan Kuciak li nqatel fl-2018 talli espona korruzzjoni ta' livell għoli f'pajjiżu. (II)



Wiri tal-film “Until the last drop” mad-direttur tal-films Pollakka Ewa Ewart

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew organizza l-wiri tal-film “Until the last drop” dwar il-kriżi dejjem tikber tal-ilma ħelu, fil-preżenza tad-direttur tal-films Pollakka Ewa Ewart. Il-wiri, kien parti minn sensiela ta’ avvenimenti tal-KESE dwar is-suġġett tal-ilma, li laħqu l-qofol tagħhom fil-konferenza “Sejħa għal Patt Blu tal-UE”, fejn il-Kumitat żvela l-istrateġija tiegħu dwar l-ilma għall-UE.

“L-ilma huwa l-ħajja, ejjew niproteġuh u nieħdu ħsiebu. Mingħajr ilma m’hemmx ħajja fuq din il-pjaneta”, qalet **Ewa Ewart** li introduċiet il-wiri tad-dokumentarju tagħha dwar l-ilma fl-24 ta’ Ottubru fi Brussell.

L-attività ngħata bidu mill-President tal-KESE **Oliver Röpke**, bil-parteċipazzjoni tal-Viċi President **Laurențiu Plosceanu** u l-membru **Pietro De Lotto**, li mexxa l-inizjattiva tal-Patt Blu tal-KESE. Aktar minn 100 mistieden attendew għall-wiri, inklużi membri tal-KESE, rappreżentanti tal-UE u ġurnalisti.

Il-films ta’ Ewa Ewart jittrattaw kwistjonijiet diffiċli u suġġetti perikolużi. Hija wriet stejjer li jseħħu fil-linja ta’ demarkazzjoni bejn il-ħajja u l-mewt. Il-films tagħha jikkellmu nies u gwerer. “Until the last drop” huwa wkoll dwar il-gwerra, qalet.

“Jirrakonta l-istorja ta’ gwerra differenti, l-iktar waħda stupida minnhom kollha. Jittratta l-istorja tal-gwerra li l-bniedem iddikjara fuq l-ilma – is-sors

tal-ħajja – f’isem il-progress. U t-tama li nistgħu nsibu meta nkunu qed nikkonċentraw fuq ix-xmajjar tagħna – is-sors primarju ta’ ilma frisk u nadif li neħtieġu biex neżistu. Kuljum, aktar u aktar nies qed isiru konxji li m’għandniex ħafna ħin qabel ma jkun tard wisq biex inbiddu l-mod kif niġġestixxu l-ilma – l-aktar riżorsa prezjuża tagħna”. (kap editor)



Il-KESE ji??elebra l-65 anniversarju tiegħu

Biex jiċċelebra l-65 anniversarju tiegħu, il-KESE ser jorganizza dibattitu, u jospita kelliema mistiedna distinti u rappreżentanti ta’ livell għoli.

Id-dibattitu “EESC@65: Empowering Civil Society, Defending Democracy” ser issir nhar l-Erbgħa 13 ta’ Diċembru 2023, matul is-sessjoni plenarja tal-KESE fil-5.30 p.m. u jista’ jiġi segwit permezz ta’ webstream fuq is-sit web uffiċjali tal-KESE.

A?BARIJET MILL-GRUPPI



X'je?tie?u l-SMEs Ewropej

Minn Stefano Mallia (President tal-Grupp ta' Min Iħaddem tal-KESE), Gerardo Cuerva (President ta' CEPYME) u Petri Salminen (President ta' SMEunited)

Matul dawn l-aħħar ftit snin, l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (MSMEs) Ewropej iffaċċjaw l-akbar kriżi globali mit-tieni gwerra dinjija 'l hawn, iżda madankollu wrew reżiljenza. L-Ewropa ma tistax tippermetti li l-SMEs tagħha ma jlaħħqux mat-trasformazzjonijiet li għaddejjin bħalissa. Hawn taħt indikajna l-isfidi ewlenin għall-SMEs tal-Ewropa.

Il-piż regulatorju qed jiħass fuq l-SMEs. Din hija r-raġuni għaliex qed nistiednu lill-UE ssegwi l-impenn fir-rigward tal-Pakkett ta' Għajnuna għall-SMEs biex tistabbilixxi miżuri li jiżguraw li l-leġiżlazzjoni tqis il-

ħtiġijiet u l-karatteristiċi speċifiċi tan-negozji ż-żgħar.

Sfida oħra ewlenija għall-SMEs Ewropej hija l-aċċess għall-ħiliet. L-SMEs Ewropej jiffaċċjaw problemi enormi fir-reklutaġġ tal-persunal minħabba t-tibdil demografiku. Jeħtieġ li tittieħed azzjoni biex jiġu implimentati miżuri fl-oqsma kollha.

L-iffaċilitar tal-aċċess għall-finanzjament huwa t-tielet sfida għas-snin li ġejjin. L-indirizzar ta' din l-isfida tfisser li niffaċilitaw l-aċċess għall-SMEs Ewropej fir-rigward ta' sistemi alternattivi ta' finanzjament u swieq u li nistabbilixxu regolamenti li jħeġġu l-investment fin-negozji ż-żgħar kif ukoll li nindirizzaw il-pjaga tal-pagamenti tard.

L-iffaċilitar tat-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali għan-negozji huwa sfida kbira u ma jistax jitwettaq mingħajr l-SMEs Ewropej. Għal din ir-raġuni, jeħtieġ li l-istituzzjonijiet tal-UE jinvolvu l-SMEs f'dawn il-proċessi u jħeġġuhom jadottaw rwol ta' tmexxija.

Qed nappellaw ukoll sabiex issir valutazzjoni mill-ġdid ta' fejn ninsabu biex nilħqu l-miri stabbiliti mill-Patt Ekoloġiku. Aħna nħossu li dan l-eżerċizzju huwa meħtieġ biex niżguraw li l-miri stabbiliti jkunu jistgħu jintlaħqu tabilħaqq u, fejn dan ma jkunx possibbli, biex nidħlu f'diskussjonijiet ma' intrapriżi privati biex jiġu stabbiliti miri ġodda b'perjodi ta' żmien realistiċi.

L-ebda wieħed minn dawn ta' hawn fuq mhu se jkun possibbli mingħajr qafas ekonomiku stabbli li joħloq ċertezza. Hekk kif il-bilanċi ekonomiċi u kummerċjali jkomplu jinbidlu, u l-Ewropa qed tiffaċċja sfidi serji ta' kompetittività, irridu noħolqu Suq Uniku li jippermetti lill-SMEs jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom.



[Il-kompetittività sostenibbli: prospettiva tal-? addiema](#)

Mill-Grupp tal-Ħaddiema tal-KESE

Il-kompetittività sostenibbli forsi qisha l-aħħar buzzword minn Brussell. Madankollu, dan huwa assolutament 'il bogħod mill-verità. Il-kompetittività ġeneralment titqies bħala l-inizjattiva ewlenija tal-impjegaturi, li jappellaw għal ambjenti tan-negozju favorevoli fejn il-kumpaniji jistgħu jirnexxu. M'hemmx għalfejn ngħidu, il-prosperità tal-kumpaniji hija għan kondiviż ħafna mill-ħaddiema.

Allura f'hiex tidħol il-parti sostenibbli? Vantaġġ kompetittiv jista' jinkiseb b'ħafna modi differenti. Kumpanija tista' tkun aktar effiċjenti, tista' tkun innovattiva fil-metodi ta' produzzjoni tagħha, tgħin fl-iżvilupp ta' teknoloġija aħjar, tħarreġ u ttejjeb il-kundizzjonijiet tal-persunal. Jew,

tista' tkisser il-kompetituri tagħha billi tisfrutta l-lakuni fil-leġislazzjoni, tniġġes l-ambjent jew issib modi kif tħallas inqas lill-impjegati tagħha - forsi smajt bl-ekonomija tal-pjattaforma.

Il-kompetittività sostenibbli għalhekk hija prijorità ewlenija għall-ħaddiema u ċ-ċittadini b'mod ġenerali: din tiżgura li l-kompetittività tkun proċess li jtejjeb is-soċjetà, aktar milli ġirja lejn l-aktar livell baxx. Fuq perjodu twil ta' żmien, din hija l-aħjar soluzzjoni għal kulħadd, peress li s'issa, kulħadd għandu bżonn pjanetà. U huwa fl-interess tal-impjegaturi wkoll: mhux biss tgħinhom ikollhom stabbiltà ambjentali u soċjali, iżda tħeġġeġ ukoll kompetizzjoni ġusta u tirrispetta x-xogħol ta' kumpaniji onesti.



Il-Patt Ekoloġiku Ewropew: l-ewwel djalogu ekoloġiku ta' Maroš Šefčovič isir fil-KESE

Mill-Grupp tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili tal-KESE

Maroš Šefčovič, Viċi President Eżekuttiv tal-Kummissjoni Ewropea, għażel il-konferenza tagħna [It-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-konsumaturi b'rabta mat-tibdil fil-klima](#) għall-ewwel wieħed mid-“Djalogi Ekoloġiċi” tiegħu, li huwa ħabbar fis-seduta ta' smiġħ tiegħu quddiem il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel tal-Parlament Ewropew għall-kariga ta' Kummissarju Ewropew għall-Patt Ekoloġiku Ewropew f'Ottubru.

Attendew madwar 140 persuna għall-konferenza organizzata mill-Grupp tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili, inklużi rappreżentanti nazzjonali u Ewropej tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u dawk li jfasslu l-politika f'livell Ewropew. L-avveniment inkluda t-tnedija ta' studju

kkummissjonat mill-KESE dwar [L-ispiża tat-tibdil fil-klima għall-unitajiet domestiċi u l-familji fl-UE](#). Huwa xeħet dawl ukoll fuq ir-rwol tal-konsumaturi u l-ħtieġa għal tranżizzjoni ekoloġika ambjentalment, soċjalment u ekonomikament sostenibbli u inklużiva, li tirrikjedi politiki mmirati u kooperazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati kollha.

Fid-diskors tiegħu għall-ftuħ l-avveniment, **Séamus Boland**, President tal-Grupp tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili, qal li l-Grupp kien laqa' b'sodisfazzjon it-tħabbira tas-Sur Šefčovič dwar djalogi ekoloġiċi. “Onorajtna billi għażilt il-konferenza tagħna għall-ewwel djalogu ekoloġiku tiegħek.”

Is-Sur **Šefčovič** qal li qed jippjana li jorganizza djalogi ekoloġiċi fuq bażi regolari bil-għan li jiġi kkultivat u msaħħaħ l-appoġġ pubbliku għall-Patt Ekoloġiku Ewropew. “Irridu nuru li mhux biss għandna s-soluzzjonijiet legali, iżda nisimgħu u nagħtu kas ukoll, u dejjem lesti li naħdmu mal-partijiet ikkonċernati biex insibu soluzzjonijiet ibbilanċjati. Dawn is-soluzzjonijiet se jgħinuna nindirizzaw it-tibdil fil-klima, inkunu soċjalment responsabbli, u se jgħinu wkoll biex jinħolqu impjegi ta' kwalità għolja fl-Ewropa. Il-Kumitat tagħkom, flimkien mal-Grupp tagħkom, huwa forum eċċellenti għal dawn id-djalogi.”

[Kompli agra](#) biex issir taf iżjed dwar id-dibattiti. Il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet li ħarġu mill-konferenza huma disponibbli hawnhekk: [sit web tal-KESE](#).

JIEN SE NIVVOTA. U INTI?

F'Ġunju 2024, se nkunu qed nagħżlu 720 Membru tal-Parlament Ewropew, jew MPEs. Dawn s-720 politiku se jiddeċiedu b'mod konġunt dwar il-leġiżlazzjoni tal-UE għall-ħames snin li ġejjin. Dwar leġiżlazzjoni tal-UE li għandha impatt dirett fuq il-ħajja tagħna ta' kuljum fi kważi l-oqsma kollha, mill-ambjent, is-sigurtà u l-migrazzjoni, sad-drittijiet tal-konsumatur u l-ekonomija. Mhux kulħadd neċessarjament jaqbel ma' kull deċiżjoni meħuda fil-livell tal-UE, iżda dawn id-deċiżjonijiet għandhom impatt reali fuq ħajjitna. Il-fehim tal-impatt jgħin biex tiġi ċċarata l-importanza tal-votazzjoni u li jkollna leħen, u li ma nivvutawx ifisser li fil-fatt inħallu lil xi ħadd ieħor jiddeċiedi għalina.

Element ieħor tal-elezzjonijiet Ewropej, li ħafna drabi jiġi sottovalutat, huwa l-impatt tiegħu fuq id-direzzjoni ġenerali futura tal-UE u l-kompożizzjoni tal-istituzzjonijiet tagħha.

Wara l-elezzjonijiet ta' Ġunju, il-Kapijiet ta' Stati u Gvernijiet se jkollhom jinnominaw il-President tal-Kummissjoni li jmiss. Meta jagħmlu dan, iridu jirrispettaw ir-riżultat tal-elezzjoni u jinnominaw kandidat mill-partit politiku rebbieħ. Il-Parlament il-ġdid imbagħad jeleġġi l-President tal-Kummissjoni, u din mhijex xi ħaġa li tista' titqies bħala fatt. Fl-2019, Ursula von den Leyen ġiet eletta b'maġġoranza pjuttost żgħira. Barra minn hekk, il-Membri tal-PE se jinterrogaw lil kull kandidat għall-kariga ta' Kummissarju f'seduta pubblika twila ta' tliet sigħat qabel ma jeleġġu l-kulleġġ sħiħ tal-Kummissarji fil-ħarifa tal-2024. Għalhekk, l-impatt tal-vot tagħna fuq is-sura futura tal-istituzzjonijiet tal-UE huwa evidenti, u ħafna akbar minn sempliċiment il-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

Imma kif nistgħu nikkonvinċu liċ-ċittadini tagħna? Is-servizzi ta' komunikazzjoni tal-Parlament Ewropew ilhom "jagħmlu l-kampanji" mill-bidu tal-2023. L-ewwel fażi tal-kampanja ta' komunikazzjoni tagħna, politikament newtrali u imparzjali, kienet iddedikata għat-"twettiq": x'għamlet l-UE għaċ-ċittadini tagħna u x'impatt kellha fuq ħajjithom f'dawn l-aħħar erba' snin. Se nimxu bil-mod għan-narrattiva tad-"demokrazija" fil-ġimgħat li ġejjin, billi nişqu fuq l-importanza tal-votazzjoni.

Ovvjament, il-Parlament Ewropew ma jistax u mhux se jagħmel dan waħdu. Qed naħdmu mal-voluntiera tagħna u maċ-ċittadini attivi li ssieħbu fil-komunità tagħna together.eu, u nistieden lilkom ilkoll biex tiffamiljarizzaw ruħkom ma' din l-inizjattiva u tirreġistraw. Tistgħu tirreġistraw bħala individwi jew bħala organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili.

Neħtieġu kemm nistgħu imsieħba, inkluż il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew. Neħtieġu organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, trade unions, gruppi ta' interess soċjali, assoċjazzjonijiet tan-negozju. Kollha flimkien tirrappreżentaw, jew tistgħu tilħqu, aktar minn 90 miljun Ewropew - u din hija setgħa ta' votazzjoni enormi. Nemmen sinċerament li l-messaġġi ta' qabel l-elezzjoni tagħna jistgħu jaslu għand dawn il-votanti bis-saħħa tal-għajnuna u l-kooperazzjoni tagħkom.

Editur

Ewa Haczyk-Plumley (editor-in-chief)
Daniela Marangoni (dm)
Laura Lui (ll)

Il-kontributori għal din l-edizzjoni huma

Christian Weger (cw)
Daniela Marangoni (dm)

Daniela Vincenti (dv)
Ewa Haczyk-Plumley (ehp)
Giorgia Battiato (gb)
Jasmin Kloetzing (jk)
Katerina Serifi (ks)
Katharina Radler (kr)
Laura Lui (ll)
Marco Pezzani (mp)
Margarita Gavanis (mg)
Margarida Reis (mr)
Millie Tsoumani (mt)
Pablo Ribera Paya (prp)
Thomas Kersten (tk)

Koordinazzjoni globali

Agata Berdys (ab)
Giorgia Battiato (gb)

Technical support
Bernhard Knobloch (bk)
Joris Vanderlinden (jv)

Indirizz

Kumitat Ekonomiku u Soġjali Ewropew
Bini Jacques Delors, 99 Rue Belliard, B-1040
Brussell, il-Belġju
Tel. (+32 2) 546.93.96 jew 546.95.86
Indirizz elettroniku: eescinfo@eesc.europa.eu

KESE info huwa ppubblikat disa' darbiet fis-sena matul is-sessjonijiet plenarji tal-KESE. KESE info huwa disponibbli fi 23 lingwa. Il-KESE Info ma tistax titqies b'ala r-rapport uffijjali tal-?idmiet tal-KESE; g'al dawn, jekk jog??bok irreferi g'all-?urnal Uffi?jali tal-Unjoni Ewropea jew g'al pubblikazzjonijiet o?rajn tal-Kumitat. Ir-riproduzzjoni hija permessa jekk il-KESE Info jissema b'ala s-sors u tintbag?at link lill-[editur](#).

11/2023